# ĠIRJA . . .

*Ta'* C. Cassar

Il-jum filgħaxija
Ħajtu sa tnin
F'sodda ta' rtuba
Fost deh'b zekkin.
Firxtu sħab kenni
Imżewwqa lwien
Ferħ ta' qlub safja
Serħ kullimkien.
Dwaru sax-xefaq
Bejn sema u art
Bħal ġnien ta' Mejju
B'tiżjin ta' ward.
Ix-xemx bla saħħa
Tilħaq ix-xfar
Nieżla qajl qajla
Bħal kobba nar
Qabel ma tagħti
L-aħħar tislija
Tifrex fis-sema
Ġmiel, sebħ u dija.
O kemm nixtieqni
Hemm fuq intir

Nitla' fuq sħaba
Taħt sema nir
Imżewqa lwien
Nilmaħ fil-bogħod
Dija titmewwet
Bil-mod il-mod.
Tal-lejl id-dalma
Titfi l-ilwien.
Jifrex star iswed
Ma' kullimkien.
Fl-għoli fuq rasi
Il-kwiekeb sbieħ,
Is-sema jżejnu
W jteptptu fih.
Taħti fid-dinja
Tal-lejl fis-skiet
Donnhom jinħassu
Il-ħsibijiet......
Lir-ruħ iġegħlu
Titla' kull ħin
Biex id-dawl tikseb
Tal-qlub tajbin.